



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0422(NLE)

15503/18
ADD 1

FISC 558
N 67
ECOFIN 1197

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Diċembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	ANNEXES 1 to 6 to COM(2018) 832 final
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument ANNEXES 1 to 6 to COM(2018) 832 final.

Mehmuż: ANNEXES 1 to 6 to COM(2018) 832 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2018
COM(2018) 832 final

ANNEXES 1 to 6

ANNESSI

tal-Proposta għal

Deċizzjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt
stabbilit skont l-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-
Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-
talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

HEMŻA 1

Abbozz

DEĊIŻJONI Nru 1/[data] tal-Kumitat Konġunt ta' [data] li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”) u b'mod partikolari l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Billi:

- (a) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kompożizzjoni u l-presidenza, l-osservaturi u l-esperti, is-sejħa ta' laqgħat, l-aġenda, l-appoġġ segretarjali, l-abbozzar u l-adozzjoni tal-minuti, il-proċedura għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet u l-ispejjeż.
- (b) Jeħtieġ li jiġu adottati arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 41(3) tal-Ftehim,

ADOTTA R-REGOLI TA' PROĊEDURA LI ĠEJJIN:

Artikolu 1

Il-kompożizzjoni u l-presidenza

- (1) Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentanti tar-Renju tan-Norveġja (il-Partijiet).
- (2) L-Unjoni Ewropea għandha tkun irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jkun irrappreżentat minn [.....].
- (3) Kull Parti għandha tippresjedi l-Kumitat Konġunt b'mod alternat għal sentejn kalendarji. L-ewwel perjodu jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. L-Unjoni Ewropea se tkun l-ewwel parti li tippresjedi.

Artikolu 2

L-osservaturi u l-esperti

- (1) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jipparteċipaw bħala osservaturi.
- (2) Il-Kumitat Konġunt jista' wkoll idaħħal persuni oħra bħala osservaturi għal-laqgħat tiegħu.
- (3) Il-president jista' jħalli lill-osservaturi jieħdu sehem fid-diskussjonijiet u jipprovdu għarfien espert. Madankollu, ma għandhomx ikollhom id-dritt tal-vot u ma għandhomx jipparteċipaw fit-tfassil tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt.
- (4) Jistgħu jkunu mistiedna wkoll esperti b'għarfien espert speċifiku dwar punti speċifiċi tal-aġenda.

Artikolu 3

Is-sejħa ta' laqgħat

- (1) Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jissejħu mill-president mill-inqas darba kull sentejn. Kull Parti tista' titlob li tissejjaħ laqgħa.
- (2) Id-data u l-post ta' kull laqgħa għandhom jiġu determinati u miftiehma bejn il-Partijiet.
- (3) Il-laqgħat jistgħu jsiru wkoll permezz ta' telekonferenzi / vidjokonferenzi.
- (4) Il-president għandu jikkomunika l-istedina lill-Parti l-oħra, lill-osservaturi msemmija fl-Artikolu 2(2) u lill-esperti mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel il-laqgħa. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistieden lir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 2(1).
- (5) Il-laqgħat ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor. Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu kunfidenzjali.

Artikolu 4

L-Aġenda

- (1) Il-president għandu jfassal l-aġenda provviżorja għal kull laqgħa u jibgħatha lill-Partijiet sa mhux aktar tard minn 6 xhur qabel il-laqgħa. L-aġenda finali għandha tkun miftiehma bejn il-Partijiet sa mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol qabel il-laqgħa u ċċirkolata mill-president.
- (2) Id-dokumenti ta' referenza u d-dokumentazzjoni ta' sostenn għandhom jintbagħtu lill-Partijiet sa mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda provviżorja.
- (3) Għall-punti fuq l-aġenda li jirreferu għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt, it-talba għall-inklużjoni fl-aġenda u kwalunkwe dokument relatat għandhom jintbagħtu lill-Kumitat Konġunt mill-inqas seba' xhur qabel il-laqgħa.

Artikolu 5

Appoġġ segretarjali

- (1) Ix-xogħol tas-segretarjat tal-Kumitat Konġunt għandu jsir mill-president. Il-korrispondenza kollha destinata għall-Kumitat Konġunt, inklużi t-talbiet biex jiddaħħlu punti fl-aġenda jew biex jitneħħew punti mill-aġenda, għandhom jiġu indirizzati lill-president.
- (2) Minkejja dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala segretarju għall-komunikazzjoni tal-istatistika, prevista skont l-Artikolu 20 u l-Artikolu 39 tal-Ftehim.

Artikolu 6

Il-minuti tal-laqgħa

- (1) Il-president għandu jabbozza l-minuti ta' kull laqgħa. Il-president għandu jiċċirkola l-minuti mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn xahar wara l-laqgħa. Il-minuti għandhom ikunu soġġetti għal ftehim reċiproku bejn il-Partijiet.
- (2) Il-president għandu jibgħat il-minuti adottati lill-Partijiet.

Artikolu 7

L-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

- (1) Kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tkun soġġetta għal diskussjoni minn qabel bejn il-Partijiet.
- (2) Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu adottati waqt il-laqgħat tiegħu b'vot unanimu.
- (3) Jistgħu jiġu adottati deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub sakemm iż-żewġ Partijiet jaqblu.
- (4) Skont il-proċedura bil-miktub, il-president għandu jibgħat l-abbozzi tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet u għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien biex jesprimu l-pożizzjoni tagħhom. Kwalunkwe Parti li ma tikkontestax l-abbozz tal-atti qabel jiskadi dak il-limitu taż-żmien għandha titqies li tkun qablet b'mod taċitu mal-abbozz tal-atti.
- (5) Il-president għandu jinforma minnufih lill-Partijiet dwar l-eżitu tal-proċedura bil-miktub, u sa mhux aktar tard minn 14-il jum kalendarju wara li jiskadi l-limitu taż-żmien.

Artikolu 8

Spejjeż

Kull Parti, u meta applikabbli kull osservatur, għandhom iħallsu l-ispejjeż li jġarrbu meta jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.

Data

HEMŻA 2

Abbozz

DEĊIŻJONI Nru 2/[data] tal-Kumitat Konġunt ta' [data] li tadotta l-formoli standard, it-trażmissjoni tal-komunikazzjoni u l-arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni tal-kuntatti bejn l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament

IL-KUMITAT KONĠUNT, stabbilit skont l-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”,

Billi:

- (1) (a) L-għodod għat-trażmissjoni tal-komunikazzjoni, bħall-formoli standard u s-sistemi ta' komunikazzjoni elettroniċi diġà huma implimentati fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud¹ u d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra² u huma kompletament kompatibbli mal-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-Ftehim.
- (2) (b) Jeħtieġ li jiġu adottati arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-punti (d), (e), (g) u (h) tal-Artikolu 41(2) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-formoli standard

Skont l-Artikoli 21(1) u 40(1) tal-Ftehim, għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni skont it-Titoli II u III tal-Ftehim, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-formoli standard adottati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 u d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE.

L-istruttura u t-tqassim tal-formoli standard jistgħu jiġu adattati għal kwalunkwe rekwiżit u kapaċità ġdida tas-sistemi ta' komunikazzjoni u tal-iskambju ta' informazzjoni, sakemm id-data u l-informazzjoni li hemm fihom ma jkunx mibdula sostanzjalment.

Artikolu 2

It-trażmissjoni tal-komunikazzjoni

L-informazzjoni kollha kkomunikata skont it-Titoli II u III tal-Ftehim għandha tiġi trażmessa biss b'mezzi elettroniċi permezz tan-netwerk NKK/ISK, sakemm dan ma jkunx impossibli minħabba raġunijiet tekniċi.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1).

Artikolu 3

L-organizzazzjoni tal-kuntatti

- (1) Sabiex jiġu organizzati l-kuntatti bejn l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament u d-dipartimenti ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 4(2)(b) u l-Artikolu 4(3)(b) tal-Ftehim, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ir-regoli adottati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE.
- (2) L-uffiċċji ċentrali ta' kollegament maħtura skont l-Artikolu 4(2) tal-Ftehim, għandhom jaġġornaw il-lista tad-dipartimenti ta' kollegament u tal-uffiċjali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 4(4) u jagħmluha disponibbli għall-uffiċċji ċentrali l-oħra ta' kollegament permezz ta' mezzi elettroniċi.

Data

HEMŻA 3

Abbozz

DEĊIŻJONI Nru 3/[data] tal-Kumitat Konġunt ta' [data] li tadotta l-proċedura għall-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz

IL-KUMITAT KONĠUNT, stabbilit skont l-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”,

Billi:

- (3) (a) Għandu jiġi konkluż ftehim dwar il-livell ta' servizz li jiżgura l-kwalità teknika u l-kwantità tas-servizzi għall-funzjonament tas-sistemi ta' komunikazzjoni u tal-iskambju ta' informazzjoni skont il-proċedura stabbilita mill-Kumitat Konġunt.
- (4) (b) Jeħtieġ li jiġu adottati arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

- (1) Il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz, imsemmi fl-Artikolu 5 tal-Ftehim, għandu jiġi konkluż mill-Kumitat Konġunt u għandu jkun vinkolanti fuq il-Partijiet mill-jum wara dak tal-approvazzjoni tiegħu mill-Kumitat Konġunt.
- (2) Kull Parti tista' titlob reviżjoni tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz billi tibgħat talba lill-president tal-Kumitat Konġunt. Sakemm il-Kumitat Konġunt jiddeċiedi dwar il-bidliet proposti, id-dispożizzjonijiet tal-aħħar Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz konkluż jibqgħu fis-seħħ.

Data

HEMŻA 4

Abbozz

**DEĊIŻJONI Nru 4/[data] tal-Kumitat Konġunt ta' [data]
li tadotta l-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz għas-sistemi u l-applikazzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

1. DOKUMENTI TA' REFERENZA U ATTI APPLIKABBLI

1.1. ATTI APPLIKABBLI

Dan il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz ("FLS") jieħu in konsiderazzjoni l-lista tal-ftehimiet u d-deċiżjonijiet applikabbli elenkati hawn taħt.

[AD.1.]	Il-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-Ftehim")(ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3).
[AD.2.]	Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt XX li timplimenta l-punti (d), (e), (g) u (h) tal-Artikolu 41(2) tal-Ftehim fir-rigward tal-formoli standard, it-trażmissjoni tal-komunikazzjoni u l-organizzazzjoni tal-kuntatti ta' <i>[date]</i>

Tabella 1: Atti applikabbli

1.2. DOKUMENTI TA' REFERENZA

Dan l-FLS iqis l-informazzjoni provduta fid-dokumenti ta' referenza li ġejjin. Il-verżjonijiet applikabbli tad-dokumenti huma ppubblikati fuq is-CIRCABC jew fuq il-Portal Web ITSM.

[RD.1.]	CCN Mail III User Guide for NAs (<i>ITSM Web Portal</i>)
[RD.2.]	CCN Intranet – Local Network Administrator Guide (<i>ITSM Web Portal</i>)
[RD.3.]	Statistics – Guidelines and instructions (ANNEX rev1) to SCAC No 560
[RD.4.]	VAT e-Forms – Functional Specifications
[RD.5.]	VAT e-Forms – Technical Specifications
[RD.6.]	Recovery e-Forms – Functional Specifications
[RD.7.]	Recovery e-Forms – Technical Specifications
[RD.8.]	CCN/CSI General Security Policy (<i>ITSM Web Portal</i>)
[RD.9.]	CCN Gateway Management Procedures (<i>ITSM Web Portal</i>)
[RD.10.]	CCN/CSI Baseline Security Checklist (<i>ITSM Web Portal</i>)

Tabella 2: Dokumenti ta' Referenza

2. **TERMINOLOĠĠJA**

2.1. **AKRONIMI**

AKRONIMU	DEFINIZZJONI
NKK/ISK	Netwerk Komuni ta' Komunikazzjoni/Interfaċċa Komuni tas-Sistema
CET	Ħin tal-Ewropa Ċentrali
CIRCABC	Amministratur taċ-Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni
CLO	Uffiċċju Ċentrali ta' Kollegament
CT	Test tal-konformità
DĠ	Direttorat Ġenerali
EoF	Skambju ta' Formoli
FAT	Testijiet ta' Aċċettazzjoni tal-Fabbrika
HTTP	Protokoll tat-Trasferiment tal-Hypertext
ITIL ³	Librerija ta' Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni
ITSM	Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni
Parti	Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-FLS, "parti" għandha tfisser jew in-Norveġja jew il-Kummissjoni.
VAT	Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Tabella 3: Akronimi

2.2. **DEFINIZZJONIJIET**

ESPRESSJON I	DEFINIZZJONI
CET	Ħin tal-Ewropa Ċentrali, GMT+1 u matul il-ħin tas-sajf GMT+2 (GMT+sagħtejn).
Jiem tax-xogħol u sigħat tax-xogħol (servizz ta' għajnuna ITSM)	Mis-7:00 sat-20:00 (CET), ħamest ijiem fil-ġimgħa (mit-Tnejn sal-Ġimgħa inkluż il-vaganzi)

Tabella 4: Definizzjonijiet

3. **INTRODUZZJONI**

Dan id-dokument jikkonsisti minn FLS bejn ir-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") u l-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni"), kollettivament imsejħa "il-Partijiet tal-FLS".

3.1. **KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FLS**

L-Artikolu 5 tal-Ftehim jispeċifika li "Għandu jiġi konkluż ftehim dwar il-livell ta' servizz li jiżgura l-kwalità teknika u l-kwantità tas-servizzi għall-funzjonament tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju tal-informazzjoni."

³

ITIL:

- <http://www.ital-officialsite.com>
- http://www.best-management-practice.com/gempdf/itSMF_An_Introductory_Overview_of_ITIL_V3.pdf

Dan l-FLS jistabbilixxi r-relazzjoni bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Kummissjoni dwar l-użu tas-sistemi u l-applikazzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT, u bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju ta' formoli.

Is-sistemi li ġejjin huma operattivi u huma soġġetti għat-termini tal-FLS:

- L-Iskambju ta' Formoli (EoF);
- Il-monitoraġġ, l-istatistika u l-ittestjar.

Il-Kummissjoni tiddetermina l-proċess biex jintlaħaq ftehim għall-kooperazzjoni amministrattiva permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Dan jinkludi standards, proċeduri, għodod, teknoloġija u infrastruttura. L-assistenza lin-Norveġja hija pprovduta biex tiżgura li s-sistemi ta' skambju tad-*data* jkunu disponibbli u jiġu implimentati kif xieraq. Il-monitoraġġ, is-superviżjoni u l-evalwazzjoni tas-sistema ġenerali huma pprovduti wkoll mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprovdwi lin-Norveġja b'linji gwida li għandhom jitħarsu fir-rigward ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni.

Il-miri kollha msemmija fl-FLS se jkunu applikabbli biss f'kundizzjonijiet tax-xogħol normali.

Fil-każ ta' avvenimenti ta' Forza Maġġuri, l-applikabilità tal-FLS għan-Norveġja tkun sospiża għat-tul ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' Forza Maġġuri.

Il-Forza Maġġuri tirrappreżenta avveniment jew okkorrenza imprevedibbli barra l-kontroll tan-Norveġja jew tal-Kummissjoni, u li mhumex attribwibbli għal kwalunkwe att jew nuqqas li tittieħed azzjoni preventiva mill-parti responsabbli. Dawn l-avvenimenti għandhom jirreferu għal azzjonijiet mill-gvern, gwerer, nirien, splużjonijiet, għargħar, regolamenti dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni jew embargoes u tilwim industrijali.

Il-parti li tinvoka l-Forza Maġġuri għandha tinforma lill-parti l-oħra mingħajr dewmien dwar l-impossibbiltà li tipprovdwi servizzi jew li tissodisfa l-miri tal-FLS minħabba raġunijiet ta' Forza Maġġuri, u tippreċiża s-servizzi u l-miri affettwati. Meta l-inċidenza ta' Forza Maġġuri tiġi fi tmiemha, il-parti milquta, għandha bl-istess mod tinforma lill-parti l-oħra mingħajr dewmien.

3.2. PERJODU TAL-FTEHIM

Kif stabbilit mill-Artikolu 41 tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt"), l-FLS huwa vinkolanti fuq il-Partijiet mill-jum wara dak tal-approvazzjoni tiegħu mill-Kumitat Konġunt.

4. RESPONSABBILTAJIET

L-għan ta' dan l-FLS huwa li jiżgura l-kwalità u l-kwantità tas-servizzi li għandhom jitwasslu mill-Kummissjoni u min-Norveġja sabiex is-sistemi u l-applikazzjonijiet speċifikati għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ikunu disponibbli għan-Norveġja u għall-Kummissjoni.

4.1. SERVIZZI PPROVDUTI MILL-KUMMISSJONI LIN-NORVEĠJA

Il-Kummissjoni għandha tagħmel is-servizzi li ġejjin disponibbli:

- Is-Servizzi operattivi li ġejjin:
 - il-Helpdesk u l-operat:

- (a) l-Appoġġ tal-Helpdesk;
 - (b) il-Ġestjoni tal-każijiet;
 - (c) il-Monitoraġġ u n-notifika;
 - (d) it-Taħriġ;
 - (e) il-Ġestjoni tas-sigurtà;
 - (f) ir-Rapportar u l-istatistika;
 - (g) il-Konsulenza.
- Iċ-Ċentru ta' Referenza:
- (a) Il-Ġestjoni tal-informazzjoni;
 - (b) Iċ-Ċentru ta' dokumentazzjoni (CIRCABC);

Sabiex tipprovdi dawn is-servizzi, il-Kummissjoni għandha żżomm l-applikazzjonijiet li ġejjin:

- Applikazzjonijiet tal-istatistika;
- CIRCABC;
- Għodda ta' servizz ta' għajnuna.

4.2. SERVIZZI PPROVDUTI MIN-NORVEĠJA LILL-KUMMISSJONI

In-Norveġja għandha tagħmel is-servizzi li ġejjin disponibbli:

- In-Norveġja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni kull informazzjoni disponibbli rilevanti għall-applikazzjoni tagħhom tal-Ftehim.
- In-Norveġja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni kwalunkwe kundizzjoni eċċezzjonali;
- In-Norveġja għandha tipprovdi kull sena l-istatistika rigward il-komunikazzjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 20 tal-Ftehim.

5. REVIŻJONI TAL-LIVELL TA' SERVIZZ

Dan il-kapitolu jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-Kummissjoni u min-Norveġja kif deskritti hawn fuq.

5.1. LIVELLI TA' SERVIZZ TAL-KUMMISSJONI

5.1.1. Servizz ta' Għajnuna

5.1.1.1. *Ftehim*

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli Servizz ta' Għajnuna sabiex iwieġeb għal kwalunkwe mistoqsija u jirrapporta kwalunkwe problema li n-Norveġja tesperjenza bis-sistemi u bl-applikazzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT jew kwalunkwe komponent li jista' jaffettwahom. Dan is-Servizz ta' Għajnuna se jitħaddem mill-ITSM u l-ħinijiet operattivi tiegħu għandhom ikunu l-istess bħall-ħinijiet tax-xogħol tal-ITSM.

Id-disponibbiltà tas-Servizz ta' Għajnuna tal-ITSM għandha tkun żgurata għal mill-inqas 95 % tal-ħinijiet operattivi. Il-mistoqsijiet jew il-problemi kollha jistgħu jiġu

kkomunikati lis-Servizz ta' Għajnuna matul il-ħinijiet tax-xogħol tal-ITSM permezz tat-telefon, tal-fax jew tal-posta elettronika, u barra dawk il-ħinijiet tax-xogħol, b'messaġġ permezz tal-posta elettronika jew tal-fax. Meta dawn il-mistoqsijiet jew il-problemi jintbagħtu barra l-ħinijiet tax-xogħol tal-ITSM, dawn awtomatikament għandhom jitqiesu li jkunu waslu fit-8:00 CET fil-jum tax-xogħol li jmiss.

Is-Servizz ta' Għajnuna għandu jirreġistra u jikklassifika s-sejħiet ta' servizz f'Għodda għall-Ġestjoni tas-Servizz u għandu jinforma lill-parti li tkun għamlet ir-rapport bi kwalunkwe bidla fl-istatus rigward is-sejħiet ta' servizz tagħha.

L-ITSM għandu jagħti appoġġ tal-ewwel linja lill-utenti u jibgħat kull sejħa ta' servizz, li hija r-responsabbiltà ta' parti oħra (eż. t-tim tal-iżviluppatur, il-kuntratturi tal-ITSM) fiż-żmien speċifikat. L-ITSM għandu jiżgura l-konformità mal-iskadenzi tar-reġistrazzjoni f'mill-inqas 95 % tal-każijiet li jseħħu matul xahar ta' rapportar.

L-ITSM għandu jimmonitorja l-proċedura ta' riżoluzzjoni għas-sejħiet kollha ta' servizz u jibda proċedura eskalanti billi jinforma lill-Kummissjoni meta l-perjodu ta' riżoluzzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit minn qabel, li jiddependi mit-tip ta' problema.

Il-livell ta' prijorità għandu jiddetermina kemm ir-rispons kif ukoll il-ħinijiet ta' riżoluzzjoni. Dan huwa stabbilit mill-ITSM, iżda l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jistgħu jeħtieġu livell ta' prijorità speċifiku.

Il-ħin tar-reġistrazzjoni huwa l-intervall ta' ħin massimu li jitħalla jgħaddi bejn il-ħin tal-wasla tal-posta elettronika u l-ħin biex tintbagħat konferma tar-riċevuta bil-posta elettronika.

Il-ħin tar-riżoluzzjoni huwa l-intervall ta' ħin bejn ir-reġistrazzjoni tal-każ u l-informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni tal-każ li tintbagħat lill-emittent. Dan jinkludi wkoll il-ħin involut biex jingħalaq il-każ.

Dawn ma għandhomx ikunu skadenzi assoluti għaliex iqisu biss iż-żmien meta l-ITSM taġixxi fuq is-sejħa ta' servizz. Meta tintbagħat sejħa ta' servizz lin-Norveġja, il-Kummissjoni jew parti oħra (pereżempju, it-tim tal-iżviluppatur, il-kuntratturi tal-ITSM), din id-darba ma jkunux jagħmlu parti mill-ħin tar-riżoluzzjoni tal-ITSM.

L-ITSM għandu jiżgura l-konformità mal-iskadenzi ta' reġistrazzjoni u ta' riżoluzzjoni f'mill-inqas 95 % tal-każijiet li jseħħu matul xahar ta' rapportar.

PRIJORITÀ	ĦIN REĠISTRAZZJONI	TAR- ĦIN TAR-RIŻOLUZZJONI
P1: Kritika	0.5h	4h
P2: Għolja	0.5h	13h (jum wieħed)
P3: Medja	0.5h	39h (tlitt ijiem)
P4: Baxxa	0.5h	65h (ħamest ijiem)

Tabella 5: Il-ħinijiet tar-reġistrazzjoni u l-ħinijiet tar-riżoluzzjoni (sigħat / jiem ta' xogħol)

5.1.1.2. *Rapportar*

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar is-sejħiet ta' servizz kollha relatati mas-sistemi u l-applikazzjonijiet għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT kif ġej:

- Is-sejħiet għal servizz kollha magħluqa matul ix-xahar għan-Norveġja;
- Is-sejħiet għal servizz kollha miftuħa matul ix-xahar għan-Norveġja;
- Is-sejħiet għal servizz kollha pendenti fid-data u l-ħin tar-rappurtar għan-Norveġja.

5.1.2. Servizz ta' statistika

5.1.2.1. *Ftehim*

Il-Kummissjoni għandha tiġġenera statistika dwar l-għadd ta' formoli skambjati fil-qasam tal-VAT u tal-irkupru permezz ta' NKK/Mail, li huma disponibbli fuq il-Portal Web ITSM.

5.1.2.2. *Rappurtar*

Il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar ir-rapporti tat-testijiet ta' konformità, fejn applikabbli, u għandha tagħmilhom disponibbli għan-Norveġja.

5.1.3. Skambju ta' Formoli

5.1.3.1. *Ftehim*

It-tabella li ġejja turi l-iskadenza massima tat-trażmissjoni jew tal-ħin tar-risposta għall-iskambju ta' formoli kif definit fil-leġislazzjoni.

<i>Kaxxa postali NKK/Mail</i>	<i>Formola:</i>	<i>Skadenza</i>
VIESCLO	Skambju ta' Informazzjoni skont l-Artikoli 7, 10, 12 u 18 tal-Ftehim 0 Skambji ġenerali	Il-limitu ta' żmien biex tingħata informazzjoni għandu jkun malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn <u>3 xhur</u> wara d-data tat-talba (<i>l-Artikolu 8 tal-Ftehim 0</i>). Madankollu, meta l-awtorità mitluba diġà jkollha l-informazzjoni fil-pussess tagħha, il-limitu ta' żmien għandu jitnaqqas għal perjodu massimu ta' <u>xahar</u> (<i>l-Artikolu 8 tal-Ftehim 0</i>).
VIESCLO	Skambju ta' Informazzjoni skont l-Artikoli 7, 10, 12 u 18 tal-Ftehim 0 Talba għal notifika	Talba għal notifika bi tweġiba immedjata (<i>l-Artikolu 12 0 tal-Ftehim</i>).
TAXFRAUD	Skambju ta' Informazzjoni skont l-Artikoli 7, 10, 12 u 18 tal-Ftehim 0 Skambji kontra l-frodi	Informazzjoni nieqsa dwar l-operatur għandha tintbagħat <u>hekk kif l-informazzjoni ssir disponibbli</u> .
TAXAUTO	Skambji awtomatiċi	Il-kategoriji ta' informazzjoni soġġetti

<i>Kaxxa postali NKK/Mail</i>	<i>Formola:</i>	<i>Skadenza</i>
		għal skambju awtomatiku, skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim, għandhom jiġu determinati mill-Kumitat Konġunt.
REC-A-CUST; REC-B-VAT; REC-C-EXCISE; REC-D-INCOME-CAP; REC-E-INSUR; REC-F-INHERIT-GIFT; REC-G-NAT-IMMOV; REC-H-NAT-TRANSP; REC-I-NAT-OTHER; REC-J-REGIONAL; REC-K-LOCAL; REC-L-OTHER; REC-M-AGRI	Talba għal informazzjoni skont l-Art. 22 tal-Ftehim 0, Talba għal notifika skont l-Art. 25 tal-Ftehim 0 Talba għal irkupru skont l-Art. 27 tal-Ftehim 0 Talba għal miżuri ta' prekawzjoni skont l-Art. 33 tal-Ftehim 0	Talba għal informazzjoni: - konferma tar-riċevuta fi żmien sebat ijiem kalendarju; - aġġornament fi tmiem sitt xhur mid-data tal-konferma tar-riċevuta Talba għal notifika: - konferma tar-riċevuta fi żmien sebat ijiem kalendarji; Talba għall-irkupru u talba għal miżuri ta' prekawzjoni: - konferma tar-riċevuta fi żmien sebat ijiem kalendarji; - aġġornament fi tmiem kull sitt xhur mid-data tal-konferma tar-riċevuta

Tabella 6: Prestazzjoni EoF

5.1.3.2. *Rapportar*

Kull sena, in-Norveġja għandha tipprovdi wkoll lill-Kummissjoni, permezz tal-posta elettronika, *data* statistika rigward il-komunikazzjoni ta' informazzjoni kif stabbilita fl-Artikoli 20 u 39 tal-Ftehim[RD.3.].

5.1.4. **Ġestjoni tal-Problemi**

5.1.4.1. *Ftehim*

In-Norveġja għandu jkollha mekkaniżmu adegwat ta' reġistrazzjoni ⁴ u ta' segwitu tal-problemi għal kwalunkwe problema li taffettwa lill-host tal-applikazzjoni, is-sofwer tas-sistema u s-sofwer tad-*data* u tal-applikazzjonijiet tagħhom.

Il-problemi ma' kwalunkwe parti min-netwerk NKK (Gateways u/jew Servers għall-Iskambju tal-Posta (Exchange Mail servers) għandhom jiġu rrapportati lill-ITSM immedjament.

5.1.4.2. *Rapportar*

In-Norveġja għandha tinforma lill-ITSM meta jkollha problema interna bl-infrastruttura teknika relatata mas-sistemi u l-applikazzjonijiet tagħhom stess għall-kooperazzjoni amministrattiva u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT.

⁴ Marbuta mal-proċessi ta' ġestjoni tal-Problema u t-Tibdil tal-ITIL.

Meta n-Norveġja tikkunsidra li problema rrapportata lill-ITSM mhix qed tiġi indirizzata jew solvuta jew ma ġietx indirizzata jew solvuta b'mod sodisfaċenti, għandha tirrapporta dan lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr.

5.1.5. Ġestjoni tas-sigurtà

5.1.5.1. *Ftehim*⁵

In-Norveġja għandha tipproteġi s-sistemi u l-applikazzjonijiet tagħha għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT kontra l-ksur tas-sigurtà u għandha żżomm rekord ta' kwalunkwe ksur tas-sigurtà u ta' kwalunkwe titjib fis-sigurtà li jkun sar.

In-Norveġja għandha tapplika r-rakkomandazzjonijiet u/jew ir-rekwiżiti ta' sigurtà speċifikati fid-dokumenti li ġejjin:

Isem	Verżjoni	Data
https security recommendations of CCN /Mail III Webmail access – Ref. CCN /Mail III User Guide for NAs	3.0	15/06/2012
Security recommendations of CCN /Mail III Webmail access – Ref. CCN Intranet – Local Network Administrator Guide	4.0	11/09/2008

5.1.5.2. *Rapportar*

In-Norveġja għandha tirrapporta fuq bażi *ad hoc* lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ksur tas-sigurtà u dwar kwalunkwe miżura meħuda.

5.2. LIVELL TA' SERVIZZ TAN-NORVEĠJA

5.2.1. L-Oqsma kollha ta' Ġestjoni tal-Livell ta' Servizz

5.2.1.1. *Ftehim*

In-Norveġja għandha tirreġistra kwalunkwe problema ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew tibdil⁶ rigward l-aspetti tekniċi, funzjonali u organizzattivi tas-sistemi u l-applikazzjonijiet tan-Norveġja għall-kooperazzjoni amministrattiva u għall-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT.

5.2.1.2. *Rapportar*

In-Norveġja għandha tinforma lill-ITSM fejn meħtieġ b'rabta ma' kwalunkwe problema ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew bidliet rigward l-aspetti tekniċi, funzjonali jew organizzattivi tas-sistema tagħhom. L-ITSM għandu dejjem ikun infurmat bi kwalunkwe bidla fir-rigward tal-persunal operattiv (operaturi, amministraturi tas-sistema).

⁵ Dawn huma l-verżjonijiet tad-dokumenti disponibbli fil-mument tal-kitba dan l-FLS. Il-qarrej huwa mistieden jivverifika kull aġġornament sussegwenti fuq il-Portal

NKK/ISK(<http://portal.cntc.cncsi.int:8080/portal/DesktopDefault.aspx?tabid=1>).

⁶ L-użu tal-prinċipji deskritti fil-ġestjoni tal-każijiet fl-ITIL huwa rakkomandat.

5.2.2. Servizz ta' Għajnuna

5.2.2.1. Ftehim

In-Norveġja għandha tagħmel disponibbli servizz ta' għajnuna biex jirrispondi għal każijiet assenjati lin-Norveġja, biex jagħti għajnuna u biex iwettaq l-ittestjar. Il-ħinijiet tax-xogħol tas-servizz ta' għajnuna għandhom ikunu l-istess bħall-ħinijiet tax-xogħol tas-Servizz ta' Għajnuna tal-ITSM matul il-jiem tax-xogħol tal-ITSM. Is-servizz ta' għajnuna tan-Norveġja għandu jopera bħala minimu bejn l-10:00 u l-16:00 CET matul il-jiem tax-xogħol, ħlief fil-festa nazzjonali tagħha. Huwa rrakkomandat li s-servizz ta' għajnuna tan-Norveġja jsegwi l-linji gwida ta' appoġġ tas-servizz tal-ITIL meta jittratta l-mistoqsijiet u l-każijiet.

5.2.2.2. Rapportar

In-Norveġja għandha tinforma lill-ITSM fejn meħtieġ b'rabta ma' kwalunkwe problema ta' disponibilità relatata mas-servizz ta' għajnuna tagħha.

6. MIŻURITA' KWALITÀ

6.1. FTEHIM

Il-Kummissjoni għandha tevalwa r-rapporti (rapporti ta' attività ġġenerati mill-ITSM, notifikati, statistika, informazzjoni oħra) riċevuti mill-ITSM u n-Norveġja, għandha tiddetermina l-livelli ta' aderenza għal dan l-FLS u f'każ ta' problemi għandha tagħmel kuntatt man-Norveġja sabiex issolvi l-problema u biex tiżgura li l-kwalità tas-servizz tkun konformi ma' dan il-Ftehim.

6.2. RAPPORTAR

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull xahar lin-Norveġja dwar il-livell ta' servizz kif definit fit-Taqsima 5.1.2.

7. APPROVAZZJONI TAL-FLS

Il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz għandu jiġi approvat mill-Kumitat Konġunt sabiex ikun applikabbli.

8. BIDLIET FL-FLS

Il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz jiġi eżaminat mill-ġdid wara talba bil-miktub mill-Kummissjoni jew min-Norveġja lill-Kumitat Konġunt.

Sakemm il-Kumitat Konġunt jiddeċiedi dwar il-bidliet proposti, id-dispożizzjonijiet tal-FLS attwali jibqgħu fis-seħħ. Il-Kumitat Konġunt jaġixxi bħala l-korp deċiżjonali għal dan il-Ftehim.

9. PUNTI TA' KUNTATT

Għal kwalunkwe mistoqsa jew kumment dwar dan id-dokument, ikkuntattja lil:

FORNITUR TAS-SERVIZZ - SERVIZZ TA' GĦAJNUNA

support@itsmtaxud.europa.eu

Data

HEMŻA 5

Abbozz

**DEĊIŻJONI Nru 5/[data] tal-Kumitat Konġunt ta' [data]
li tadotta l-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz tan-Netwerk Komuni ta'
Komunikazzjoni/tas-servizzi ta' Interfaċċa Komuni tas-Sistema ("FLS tal-NKK/ISK")**

1. DOKUMENTI TA' REFERENZA U ATTI APPLIKABBLI

1.1. ATTI APPLIKABBLI

Dan l-FLS tal-NKK/ISK jikkunsidra l-lista tal-ftehimiet u d-deċiżjonijiet applikabbli provduti hawn taħt.

[AD.1.]	Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-Ftehim")(ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3).
[AD.2.]	Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt XX li timplimenta l-punti (d), (e), (g) u (h) tal-Artikolu 41(2) tal-Ftehim fir-rigward tal-formoli standard, it-trażmissjoni tal-komunikazzjoni u l-organizzazzjoni tal-kuntatti ta' [date]

Tabella 7: Atti applikabbli

1.2. DOKUMENTI TA' REFERENZA

Dan l-FLS tal-NKK/ISK jikkunsidra l-informazzjoni pprovduta fid-dokumenti ta' referenza li ġejjin. Il-verżjonijiet applikabbli tad-dokumenti huma daww disponibbli fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

ID	REFERENZA	TITOLU	VERŻJONI
RD1	CCN-COVW-GEN	CCN/CSI & SPEED2 Systems Overview	EN18.01
RD2	CCN-CMPR-GW	CCN Gateways Management Procedures	EN19.20
RD3	CCN-CSEC-POL	CCN/CSI General Security Policy	EN05.00
RD4	CCN-CSEC-BSCK	CCN/CSI Baseline Security Checklist	EN03.00
RD5	CCN-CLST-ROL	Description of CCN/CSI Roles	EN02.10
RD6	CCN-CNEX-031	External note 031 - Procedure for the Move of a CCN Site	EN06.20
RD7	CCN-CNEX-060	External Note 060 - Instructions for new CCN Site	EN02.20
RD8	CCN/CSI-PRG-AP/C-01-MARB	CCN/CSI-PRG-AP/C-01-MARB Application Programming Guide (C Language)	EN11.00

Tabella 8: Dokumenti ta' Referenza

2. TERMINOLOĠĠJA

2.1. AKRONIMI

AKRONIMI	DEFINIZZJONI
ACT	Għodda tal-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni
AIX	IBM Unix OS
CBS	Sit ta' Riżerva Ċentrali
NKK	Network Komuni ta' Komunikazzjoni
NKK/ISK	Network Komuni ta' Komunikazzjoni/Interfaċċa Komuni tas-Sistema
NKK/WAN	Servizz ta' qafas għall-provvista ta' servizzi tan-network lil NKK
CI	Element ta' Konfigurazzjoni
CIRCABC	Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini
COTS	Prodott Kummerċjalment Disponibbli
CPR	Router fil-Binjiet tal-Klijent
CSA	Amministratur tas-Sigurtà NKK
ISK	Interfaċċa Komuni tas-Sistema
DĠ	Direttorat Ġenerali
DMZ	Żona Demilitarizzata
KE	Kummissjoni Ewropea
ESTAT	Eurostat
FW	Firewall
HPUX	Sistema Operattiva UNIX tal-Hewlett Packard
HTTP	Protokoll tat-Trasferiment Hypertext
HTTPS	Protokoll tat-Trasferiment Hypertext - Sigur
HVAC	Tisħin, Ventilazzjoni u Arja kondizzjonata
HW	Hardwer
ICT	Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni
IMAP	Protokoll ta' Aċċess tal-Messaġġi tal-Internet
PI	Protokoll tal-Internet
ITCAM	IBM Tivoli Composite Application Manager
ITS	Servizzi tal-IT
ITSM	Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT
LAN	Network ta' Żona Lokali
LSA	Amministratur tas-Sistemi Lokali
MQ	IBM MQ Series SW
MVS	Ħażna Virtwali Multipla
N/A	Mhux applikabbli
NA	Amministrazzjoni nazzjonali
NDI	Interfaċċa tad-Dominju Nazzjonali
OBS	Orange Business Services
OLA	Ftehim dwar il-Livell Operazzjonali
OLAF	Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
OS	Sistema operattiva
OSP	Obbligu tal-Fornitur tas-Servizz
OSR	Obbligu tal-Applikant għal Servizz
POL	Politika

PoP	Punt ta' Preżenza
PRG	Programm
QA	Assigurazzjoni tal-Kwalità
RAP	Proxy API Remot
RD	Dokument ta' Referenza
REV	Reviżjoni
RFA	Talba għal azzjoni
ROL	Rwol
SFI	Issottometti għal Informazzjoni
SMTP	Protokoll tat-Trasferiment Sempliċi ta' Posta
SQI	Indikatur tal-Kwalità tas-Servizz
SSG	Gateways tas-Servizzi Siguri (kaxxa ta' Kriptaġġ Juniper)
SW	Softwer
TAXUD	It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali
TCP	Protokoll għall-Kontroll tat-Trażmissjoni
UPS	Provvista tal-Enerġija Mingħajr Interruzzjoni
VM	Magna Virtwali
VPN	Netwerk Privat Virtwali
WAN	Netwerk fuq Żona Wiesgħa

Tabella 9: Akronimi

2.2. DEFINIZZJONIJIET TAT-TERMINI GĦALL-FINIJIET TAL-FLS TAL-NKK/ISK

TERMINU	DESKRIZZJONI
Perjodu tar-rapportar	Il-perjodu kopert huwa xahar.
Jum tax-xogħol	Il-jiem tax-xogħol huma l-jiem tax-xogħol tas-Servizz ta' Għajnuna tal-Fornitur tas-Servizz. Dawn huma sebat ijiem fil-ġimgħa inklużi il-btajjel pubbliċi.
Ħin tax-xogħol	Il-ħinijiet tax-xogħol huma l-ħinijiet tax-xogħol tas-Servizz tal-Għajnuna tal-Fornitur tas-Servizz. Dawn huma 24 siegħa kuljum matul il-jiem tax-xogħol.
Perjodu ta' servizz	Il-“Perjodu ta' Servizz” tal-Fornitur tas-Servizz huwa l-ħin ta' kopertura tal-funzjoni tas-Servizz ta' Għajnuna. Is-servizz huwa żgurat mis-Servizz ta' Għajnuna tal-Fornitur tas-Servizz 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa inklużi il-btajjel pubbliċi. Skont il-Perjodu ta' Servizz tal-element ta' konfigurazzjoni, tittieħed azzjoni immedjata (24*7) jew jiġi skedat intervent għall-jum ta' wara. Talbiet permezz ta' ittri, fax, posta elettronika u b'mezzi elettroniċi (permezz tal-Portal ITSM) huma aċċettati f'kull mument. It-talbiet li jidħlu huma rreġistrati bħala “Sejħiet ta' Servizz” fis-sistema ta' ġestjoni tas-Servizz ta' Għajnuna tal-Fornitur tas-Servizz.

Tabella 10: Definizzjonijiet

3. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument jikkonsisti minn Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz tan-Netwerk Komuni ta' Komunikazzjoni/tal-Interfaċċa Komuni tas-Sistema (FLS tal-NKK/CSI SLA) bejn il-Kummissjoni Ewropea (“Fornitur tas-Servizz”) u r-Renju tan-Norveġja (“Applikant għal Servizz”), kollettivament imsejħa “l-Partijiet tal-FLS”.

B'mod partikolari, il-“Fornitur tas-Servizz” jinkludi l-unitajiet organizzattivi tad-DĠ TAXUD, kif elenkati hawn taħt:

- l-unità tad-DĠ TAXUD B2 li tikkoordina l-attivitajiet kollha tal-NKK/ISK;
- l-ITSM3 Operations li jipprovdu servizzi operattivi;
- CCN2DEV li jipprovdi s-software NKK (servizzi ta' manutenzjoni evoluzzjonarji u korrettivi);
- il-fornitur tas-servizz tan-network Trans-Ewropew (NKK/WAN, bħalissa OBS).

Skont in-natura tas-servizz mitlub, wieħed mill-Fornituri tas-Servizz se jwettaq il-kompitu.

L-“Applikant għal Servizz” hija l-amministrazzjoni tat-taxxa nazzjonali (NA) tan-Norveġja. L-unitajiet organizzattivi kkonċernati fi ħdan l-NA huma:

- **Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Appoġġ tal-NKK** huwa responsabbli mill-appoġġ u l-ġestjoni tat-tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD li jinsab fil-bini tal-NA kif ukoll mill-infrastruttura nazzjonali li tappoġġa l-applikazzjonijiet installati fl-infrastruttura NKK/ISK;
- **Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Applikazzjonijiet** huwa responsabbli mill-appoġġ nazzjonali tal-applikazzjonijiet tal-KE li joperaw fid-Dominju Nazzjonali u li jużaw is-servizzi tal-infrastruttura tal-NKK/ISK;
- **It-Timijiet Nazzjonali tal-Iżvilupp tal-Applikazzjonijiet** huma responsabbli mill-iżvilupp ta' applikazzjonijiet li jużaw l-infrastruttura NKK/ISK inkluż is-subkuntratturi tagħhom.

3.1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FLS tal-NKK/ISK

L-Artikolu 5 tal-Ftehim jispeċifika li “Għandu jiġi konkluż ftehim dwar il-livell tas-servizz li jiżgura l-kwalità teknika u l-kwantità tas-servizzi għall-funzjonament tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni.”

Il-FLS tal-NKK/ISK jistabbilixxi r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni (il-Fornitur tas-Servizz) u r-Renju tan-Norveġja (l-Applikant għal Servizz), dwar il-fażi operattiva tas-sistema tan-Netzwerk Komuni ta' Komunikazzjoni/tal-Interfaċċa Komuni tas-Sistema (sistema "NKK/ISK").

Dan jiddefinixxi l-livell meħtieġ tas-servizz ipprovdut lill-Applikant għal Servizz. Dan jipprovdi wkoll għal fehim reċiproku tal-aspettattivi fil-livell ta' servizz u r-responsabbiltajiet tal-Partijiet involuti fil-FLS.

Dan id-dokument jiddeskrivi s-servizzi u l-livelli ta' servizz provduti bħalissa mill-Fornitur tas-Servizz.

Il-miri kollha msemmija fl-FLS tal-NKK/ISK se jkunu applikabbli taħt kundizzjonijiet tax-xogħol normali biss.

Fil-każ ta' avvenimenti ta' Forza Maġġuri, l-ebda Parti ma għandha tkun responsabbli minn kwalunkwe nuqqas li twettaq l-obbligi tagħha fejn dan in-nuqqas ikun riżultat ta' diżastru naturali (inkluż nar, għargħar, terremot, maltempata, uragan jew diżastru naturali ieħor), gwerri, invażjoni, att ta' għedewwa barranin, ostilitajiet (sew jekk gwerri tkun iddikjarata sew jekk le), gwerri ċivili, ribelljoni, rivoluzzjoni, insurrezzjoni, setgħa militari jew użurpata jew konfiska, attivitajiet terroristiċi,

nazzjonalizzazzjoni, sanzjoni tal-gvern, imblukkar, embargo, tilwima industrijali, strajk, lockout jew interruzzjoni jew ħsara fit-tul tal-grilja elettrika kummerċjali.

3.2. DEFINIZZJONI TAS-SERVIZZ U KARATTERISTIĊI TAL-NKK/ISK

In-Network Komuni ta' Komunikazzjoni/l-Interfaċċa Komuni tas-Sistema hija għodda għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa bejn l-Amministrazzjonijiet Nazzjonali fil-qasam tat-Tassazzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Frodi. Il-karatteristiċi ewlenin tal-infrastruttura tas-sistema tal-NKK/ISK huma elenkati hawn taħt:

TRANS- EWROPEA	L-NKK/ISK joffri aċċess WAN globali għall-Applikanti għal Servizz permezz ta' għadd ta' Punti ta' Preżenza (PoP) f'kull Stat Membru, f'pajjiżi aderenti u fin-Norveġja. Is-sinsla tan-netwerk NKK/ISK toffri l-kapaċità u r-reżistenza meħtieġa biex tipprovdi lill-Applikanti għal Servizz b'rata ta' disponibbiltà għolja.
PJATTAFORMA MULTIPLA	Tippermetti l-interoperabbiltà bejn pjattaformi eteroġeni (Windows, Linux, Solaris, AIX, HP/UX, SVR4, IBM MVS, eċċ.) permezz ta' stack ta' komunikazzjoni portabbli ħafna (ISK) installat fuq Pjattaformi ta' Applikazzjoni nazzjonali standard.
PROTOKOLL MULTIPLU	Tappoġġa diversi protokolli u mudelli ta' skambju: ▪ Protokoll ISK li jappoġġa mudelli ta' komunikazzjoni asinkroniċi u sinkroniċi (talba/rispons) (kanal NKK/ISK); ▪ Protokoll HTTP/S għal aċċess interattiv għas-servizzi tal-Intranet NKK (kanal Intranet NKK); Protokolli POP, IMAP, SMTP għall-iskambju ta' posta elettronika bejn l-utenti tal-NA iżda wkoll bejn l-applikazzjonijiet (il-kanal NKK Mail III).
SIGURA	L-iskambji ta' informazzjoni fuq in-netwerk NKK/ISK huma protetti biex jiżguraw l-aħjar kunfidenzjalità u l-integrità tad-data. Is-servizzi ta' sigurtà jinkludu: ▪ Kriptaġġ u protezzjoni minn sit għall-ieħor kontra l-aċċess mhux mixtieq ibbażat fuq IPsec256-bits, infurzat mill-apparat tal-Firewall/kriptaġġ użati f'kull sit tal-NKK/CSI; ▪ Mekkaniżmi ta' kontroll tal-aċċess (awtentikazzjoni, awtorizzazzjoni, kontabilità) fil-livell tas-sit infurzati mill-Gateway tal-NKK u appoġġati minn għodod ta' amministrazzjoni lokali (ADM3G); Sigurtà fil-livell tas-sessjoni infurzata permezz ta' kriptaġġ fil-livell tal-messaġġ (CSI sigur), kriptaġġ u awtentikazzjoni reċiproka SSL v.3 (HTTPS), POP-S u IMAP-S (trasferiment sigur tal-posta elettronika).
ĠESTITA	L-infrastruttura NKK/ISK tipprovdi wkoll lill-Applikant għal Servizz b'servizzi ġestiti inkluż: ▪ Monitoraġġ Ċentrali; ▪ Illogjar ta' avvenimenti fis-sistemi (event logging);

	▪ Produzzjoni ta' statistika dwar skambji ta' messaġġi permezz ta' ISK u NKK Mail III (daqqs, għadd ta' messaġġi, matriċi) u statistika dwar il-gateways NKK u NKK Mail III; ▪ Servizzi ta' ġestjoni tal-utent (ADM3G) u tad-direttorju; ▪ Validazzjoni tal-istacks tas-ISK; ▪ Servizzi tal-portal: ○ Portal NKK: aċċess onlajn tal-istatistika, ġestjoni tal-proxies (RAP) API remoti onlajn; ○ Portal ITSM: Newsletter onlajn, dokumentazzjoni onlajn u pakketti ta' stacks ta' ISK, Mistoqsijiet Frekwenti (FAQ) dwar l-NKK ▪ ACT (Għodda tal-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni); Traċċar tas-sejħiet għal servizz u appoġġ onlajn.
--	---

Tabella 5: Karatteristiċi tas-servizzi pprovduti mill-NKK/ISK

3.3. PERJODU TAL-FTEHIM

L-FLS tal-NKK/ISK huwa vinkolanti fuq il-Partijiet mill-jum wara dak tal-approvazzjoni tiegħu mill-Kumitat Konġunt kif stabbilit mill-Artikolu 41 tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt").

4. RESPONSABILTAJIET

4.1 OBBLIGI TAL-FORNITUR TAS-SERVIZZ (OSP)

Il-Fornitur tas-Servizz għandu:

[OSP1]	Jopera l-infrastruttura tan-network tal-NKK/ISK sabiex jinkisbu l-Livelli ta' Servizz deskritti fit-taqsim 8.
[OSP2]	Jagħżel id-diversi komponenti tal-Infrastruttura u tas-Softwer NKK/ISK.
[OSP3]	Jipprovdi manutenzjoni tal-Hardwer u s-Softwer għat-tagħmir tal-infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD (eż. il-Gateways NKK) installat fil-binjiet tal-Applikanti għal Servizz kif ukoll is-servers ċentrali NKK Mail III.
[OSP4]	Jipprovdi monitoraġġ tat-tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD installat fil-bini tal-Applikanti għal Servizz.
[OSP5]	Jiġġestixxi l-fajls tal-awditjar tal-NKK/ISK.
[OSP6]	Jiġġestixxi l-pjan ta' indirizzar tal-NKK/ISK.
[OSP7]	Jirrispetta r-regoli u r-rakkomandazzjonijiet imressqa fid-"Dokumenti dwar is-Sigurtà": ▪ Politika ta' sigurtà ġenerali tal-NKK/ISK RD3;

	Lista ta' kontroll tar-rekwiżiti minimi tas-sigurtà tal-NKK/ISK RD4 ;
[OSP8]	Minn żmien għal żmien, l-Applikant għal Servizz irid jiżgura li d-disponibilità tan-netwerk ma titnaqqas minħabba l-manutenzjoni jew xi nuqqas ta' disponibbiltà mistennija oħra. F'dak il-każ, l-Applikant għal Servizz għandu jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz minn tal-inqas xahar qabel. Jekk l-Applikant għal Servizz ma jkunx jista' jirrispetta dan id-dewmien, id-DĠ TAXUD għandu jarbitra s-sitwazzjoni.
[OSP9]	Il-liċenzji tas-sofwer kollha li jaħdmu permezz tal-gateways NKK se jiġu pprovduti mid-DĠ TAXUD.
[OSP10]	Jirrispetta l-politika ta' riżerva tas-sit tal-NKK/ISK (cfr. RD2).
[OSP11]	Jawditja s-sistema kif definit fl- RD2 .
[OSP12]	Jipproċedi regolament bil-Kontrolli tas-Sigurtà tas-Sistema kif definit fl- RD2

Tabella 6: Obbligi tal-Fornitur tas-Servizz (OSP)

4.2. OBBLIGI TAL-APPLIKANT GĦAL SERVIZZ (OSR)

L-Applikant għal Servizz għandu:

Livell Tekniku u Infrastrutturali	
[OSR1]	Iżomm it-tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD provdut mid-DĠ TAXUD u jipprovdi b'mod xieraq: ▪ spazju ta' ħażna; ▪ provvista tal-enerġija elettrika; sistema ta' HVAC;
[OSR2]	Ikun żgur li l-komponenti tal-NKK/ISK huma "elettrikament" imqabbdin mal-UPS. Adattamenti speċifiċi għall-istandards lokali (eż. adapters tal-plakek) iridu jkunu pprovduti mill-Applikant għal Servizz
Livell Operattiv u ta' Organizzazzjoni	
[OSR3]	Jassenja persunal inkarigat mir-rwoli elenkati fl- RD5 .
[OSR4]	Jiżgura preżenza barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali kull darba li titqies meħtieġa u tintalab mill-Fornitur tas-Servizz. Għal xi operazzjonijiet imwettqa mill-portatur ewlieni jew mill-Fornitur tas-Servizz, jistgħu jkunu meħtieġa l-koordinazzjoni u/jew il-preżenza tal-FLS mill-Konsumatur tas-Servizz. Se jingħata mill-anqas avviż ta' xahar sabiex ikunu ppjanati dawn l-attivitajiet; hija meħtieġa l-kooperazzjoni sħiħa sabiex ikun rispettati l-ippjanar kumpless minħabba l-għadd ta' siti.
[OSR5]	Qatt ma għandu jitwaqqaf xi tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD mingħajr awtorizzazzjoni formali mingħand il-Fornitur tas-

	Servizz.
[OSR6]	Jistaqsi għall-awtorizzazzjoni formali mill-Fornitur tas-Servizz qabel ma jinstalla fuq it-tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD komponenti tal-hardwer jew tas-software addizzjonali li ma jappartjenux għall-pakkett ta' konsenja standard.
[OSR7]	Jipprovdi deskrizzjoni ċara tal-każijiet perċepiti/irrapportati mill-applikant għal servizz.
[OSR8]	Jikkollabora b'mod attiv mal-Fornitur tas-Servizz u/jew mar-rappreżentanti tiegħu meta jkun meħtieġ għall-għoti tas-servizzi.
Livell tal-komunikazzjoni	
[OSR9]	Juża esklussivament il-punti ta' kuntatt tal-Fornitur tas-Servizz u fi ħdan l-organizzazzjoni tagħhom stess.
[OSR10]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz bi kwalunkwe nuqqas tal-punti ta' kuntatt matul il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Fornitur tas-Servizz, jew, jipprovdi mill-inqas servizz ta' riżerva li jista' jissostitwixxi l-punti ta' kuntatt.
[OSR11]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz bi kwalunkwe modifika tal-punti ta' kuntatt tiegħu stess, mill-inqas ħamest ijiem tax-xogħol qabel ma din il-modifika ssir effettiva.
[OSR12]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz bi kwalunkwe manutenzjoni tal-INFRASTRUTTURA skedata li potenzjalment taffettwa t-tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD li jinsab fil-bini tal-Konsumatur tas-Servizz (mill-inqas ġimgħa qabel għat-tagħmir kollu). pereżempju: qtugħ ippjanat tad-dawl jew tal-infrastruttura tan-netwerk, moviment tad-DC, tibdil fl-indirizz ip,
[OSR13]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz bi kwalunkwe problema esterna pereżempju qtugħ tad-dawl li jaffettwa t-tħaddim tajjeb tal-Gateways tal-NKK u l-pjattaformi tal-applikazzjoni.
[OSR14]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz, permezz ta' talba formali, mill-inqas sitt xhur bil-quddiem dwar kwalunkwe trasferiment ta' tagħmir tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD. L-Aplikant għal Servizz huwa responsabbli mill-kostijiet tal-operazzjonijiet ta' trasferiment. Irreferi għal RD6 għal aktar dettalji dwar il-proċedura.
[OSR15]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz bi kwalunkwe nuqqas ta' links siguri bejn l-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD u l-Aplikant għal Servizz (NA jew DĠ ieħor).
[OSR16]	Jinnotifika lill-Fornitur tas-Servizz bi kwalunkwe qtugħ fil-Pjattaformi tal-Aplikazzjoni.
[OSR28]	L-Aplikant għal Servizz huwa mitlub jikkomunika kull qtugħ tad-DC lokali/tal-kamra tal-kompjuter (inkluż il-WAN) ġimgħa ta' xogħol bil-

	quddiem. Dan sabiex id-DĠ TAXUD ikun jista' jimplimenta l-komunikazzjoni meħtieġa lil kwalunkwe parti kkonċernati involuta oħra.
Livell ta' Sigurtà u ta' Ġestjoni tal-Utenti	
[OSR17]	Jimmaniġġja l-kontijiet tal-utent lokali fuq il-Gateway tal-NKK (cf. RD2).
[OSR18]	Jawtorizza, meta jkun meħtieġ, l-aċċess fiżiku tal-persunal li jkun ingħata mandat għat-tagħmir mill-Fornitur tas-Servizz.
[OSR19]	Jawtorizza l-ports ta' TCP xierqa fin-netwerk tas-Servizz tal-Konsumatur (Dominju Nazzjonali) (cfr. RD2).
[OSR20]	Jiżgura li l-Apparati ta' Kriptaġġ tan-Netwerk (bħalissa Juniper SSG) fis-sit tal-Applikant għal Servizz jinsabu f'żona b'aċċess ikkontrollat.
[OSR21]	Jirrestrinġi l-aċċess għall-apparat kollu tal-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD lill-persunal awtorizzat. L-aċċess għandu jkun permess biss fuq talba mis-CSA. L-aċċess mhux mixtieq għal dan l-apparat jista' jipperikola s-sigurtà jew jikkawża mill-inqas qtugħ tan-netwerk.
[OSR22]	Jirrispetta r-regoli u r-rakkomandazzjonijiet imressqa fid-"Dokumenti dwar is-Sigurtà": ▪ Politika ta' sigurtà ġenerali tal-NKK/ISKRD5; ▪ Lista ta' kontroll tar-rekwiżiti minimi tas-sigurtà tal-NKK/ISKRD6;
Żvilupp tal-Ġestjoni tal-Applikazzjoni	
[OSR27]	L-Applikant għal Servizz huwa l-uniku responsabbli mill-iżvilupp, l-appoġġ u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet tiegħu. Huwa għandu jikkonforma mar-regoli definiti fl- RD8

Tabella 7: Obbligi tal-Applikant għal Servizz (OSR)

4.3. SERVIZZI PPROVDUTI MILL-FORNITUR TAS-SERVIZZ

4.3.1. Servizz ta' Għajnuna tal-IT

Il-Fornitur tas-Servizz joffri Servizz ta' Għajnuna tal-IT għall-Ġestjoni tal-Każijiet u l-Problemi. Is-Servizz ta' Għajnuna tal-IT jestendi l-firxa ta' servizzi klassiċi tal-help desk u joffri approċċ aktar iffokat fuq livell ġenerali, li jippermetti li l-proċessi tan-negozju jiġu integrati fil-ġestjoni tas-servizz tal-NKK/ISK.

Tabilħaqq, is-Servizz ta' Għajnuna tal-IT mhux biss jittratta każijiet, problemi u mistoqsijiet, iżda jipprovdi wkoll interfaċċa għal attivitajiet oħra bħal talbiet għal tibdil, kuntratti ta' manutenzjoni, liċenzji tas-software, ġestjoni tal-livell ta' servizz, ġestjoni ta' konfigurazzjoni, ġestjoni ta' disponibbiltà, ġestjoni tas-sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità tas-servizz tal-IT.

Is-Servizz ta' Għajnuna tal-IT ukoll javża spontanġament lill-Applikant għal Servizz b'kull informazzjoni urġenti, u b'hekk jaġixxi bħala ċentru ta' dispaċċ ta' informazzjoni tal-Applikant għal Servizz.

Notifika hija definita bħala messaġġ maħruġ mill-Fornitur tas-Servizz li javża lil Applikant għal Servizz meta jinqala' każ li jista' jaffettwa l-operazzjonijiet tal-NKK/ISK: nuqqas ta' disponibbiltà ta' gateway, qtugħ tas-sistema, h̄sarat, manutenzjoni tal-infrastruttura jew aġġornament tas-software.

L-interfaċċa tas-Servizz ta' Ghajjnuna tal-IT għal Applikant għal Servizz tintlaħaq permezz tal-punt ta' kuntatt tal-Fornitur tas-Servizz jew permezz tal-portal web tal-ITSM, li jipprovdi servizzi onlajn lill-Aplikant għal Servizz bħalma huwa t-traċċar ta' sejħiet għal servizz; l-għodda ACT u l-Portal web tal-NKK li jipprovdu żona ta' tniżżil tal-pakketti tal-ISK, aċċess għall-istatistika u informazzjoni dwar il-monitoraġġ, eċċ.

4.3.1.1. *Ġestjoni ta' każijiet u ta' problemi*

Dan is-servizz jittratta każijiet li joriġinaw mill-utenti tas-Servizz ta' Ghajjnuna (inkluż l-operazzjonijiet tas-sistema). Każ jista' jiġi ddefinit bħala talba sempliċi għal informazzjoni jew kjarifika, iżda jista' wkoll jiġi kategorizzat bħala r-rapportar ta' imġiba mhux konformi ta' komponent speċifiku.

Każ huwa definit bħala avveniment mhux mistenni li mhuwiex parti mill-operazzjoni standard tal-infrastruttura jew falliment li jiddegrada s-servizz operattiv tal-NKK/ISK. Każ jitqies solvut meta s-servizz jiġi lura għan-normal.

Il-każ jista' jkun relatat mal-Elementi ta' Konfigurazzjoni (CI) li ġejjin:

- Il-hardwer taħt ir-responsabbiltà tal-Fornitur tas-Servizz: Il-gateways tal-NKK, apparati ta' sigurtà, Routers fil-Binjiet tal-Klijenti (CPR) u apparat ieħor ta' konnettività tan-network fuq il-LAN fil-EuroDomain (Infrastruttura tal-NKK tad-DG TAXUD);
- Is-software li jopera permezz ta' apparat ta' kriptaġġ;
- Is-software tas-sistema li jopera permezz tal-gateways : Sistema Operattiva, software bażiku tal-komunikazzjoni bħal TCP/IP, eċċ.;
- Is-software ta' parti terza li jopera permezz tal-gateways bħal Tuxedo, MQSeries, Sun ONE Directory Server, PostgreSQL, Apache, eċċ.;
- L-NKK Mail III;
- Is-software NKK/ISK li jopera permezz tal-gateways ;
- Is-software tal-ISK li jopera permezz tal-Pjattaformi tal-Aplikazzjoni;
- SIAP (Secure Internet Access Point) – Unified Defence.

Problema tiġi identifikata jew minn każ wieħed li għandu impatt estremament negattiv fuq is-servizz tal-utent u li għalih il-kawża mhix magħrufa, jew minn każijiet multipli li jeżebixxu sintomi komuni. Problema tissolva meta l-kawża tiġi identifikata u mneħħija.

Meta jinqala' każ, is-sitwazzjoni tiġi investigata sabiex jerġgħu jiġu stabbiliti s-servizzi operattivi tal-NKK/ISK (jekk meħtieġ) u biex tinstab il-problema ewlenija tal-każ. Il-Fornitur tas-Servizz jgħin biex jissolvew każijiet fis-software ta' aplikazzjoni NA, fil-livell tal-interfaċċa mal-NKK/ISK , sakemm dan ma jkollu ebda impatt fuq is-servizzi l-oħra li għandhom jiġu pprovduti mill-Fornitur tas-Servizz. L-assistenza tal-Fornitur tas-Servizz tikkonsisti fil-forniment ta' informazzjoni dwar l-użu korrett tal-NKK/ISK. **Ma tikkonsistix fil-parteċipazzjoni tad-debugging tas-software ta' aplikazzjoni NA.**

4.3.2. Għodod ta' appoġġ għall-Ġestjoni tas-Servizz

Il-monitoraġġ tal-infrastruttura tal-gateway tal-NKK, l-applikazzjonijiet u l-queues tal-NKK huma appoġġati mill-familja ta' prodotti IBM® Tivoli Monitoring (Tivoli Monitoring) u IBM Tivoli Composite Application Manager (ITCAM).

Is-servizz ta' Monitoraġġ u Rappurtar ta' Tivoli tal-NKK, ibbażat fuq l-IBM Tivoli Monitoring suite, jipprovdi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

- Jimmonitorja l-queues tal-applikazzjonijiet li jinsabu fuq il-Gateways tal-NKK (WebSphere MQ);
- Jimmonitorja l-istatus tas-sistema operattiva tal-Gateways tal-NKK;
- Użu tas-CPU, spazju fid-disk, użu tal-memorja, użu tan-network, proċessi;
- Jimmonitorja l-hardwer barra mill-banda;
- Jimmonitorja l-proċessi operattivi tal-komponenti tal-NKK li jinsabu fuq il-Gateways tal-NKK;
- Jimmonitorja l-infrastruttura tal-NKK Mail III;
- Jipprovdi lill-utenti ta' Tivoli tal-NKK opinjoni dwar l-informazzjoni mmonitorjata preċedentament;
- Jiġġenera twissijiet definiti minn qabel fuq il-komponenti mmonitorjati preċedentament;
- Jipprovdi rapporti bbażati fuq *data* storika miġbura (CCN Tivoli Data Warehouse);
- Jagħti informazzjoni dwar id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tal-infrastruttura NKK/ISK matul iż-żmien, u jirrapporta tendenzi importanti b'mod konsistenti u integrat.

4.3.3. Ġestjoni u Operazzjonijiet tal-Infrastruttura tal-ICT

Il-Fornitur tas-Servizz jintalab biex jinstalla, jopera u jżomm l-infrastruttura operattiva tal-NKK/ISK sabiex jiggarrantixxi l-livelli ta' disponibbiltà miftiehma.

L-infrastruttura operattiva tal-NKK/ISK hija magħmula minn apparat relay EuroDomain (Gateways tal-NKK), apparat tas-sigurtà, router fil-binjiet tal-klijent u telekomunikazzjonijiet.

Dan is-servizz ikopri:

- Ġestjoni tad-Disponibbiltà;
- Ġestjoni tal-Kontinġenza;
- Ġestjoni ta' *Data* tal-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni;
- Ġestjoni tas-Sigurtà,

U jinkludi wkoll:

- Koordinazzjoni tat-trasferiment tat-tagħmir NKK/ISK;
- Koordinazzjoni tal-iskjerament ta' siti ġodda;
- Ippjanar tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-NKK;

- Segwitu tal-attività mitluba hawn fuq matul il-laqgħa ta' progress ta' kull xahar. Waqt din il-laqgħa tinżamm sezzjoni ta' QA u hija magħmula mill-partijiet kontraenti kollha li jagħtu kontribut għas-servizz tal-NKK/ISK;
- Il-faċilitazzjoni ta' talbiet ta' sospensjoni. Dawn jistgħu jintalbu biss minn utenti awtorizzati lil uffiċjal speċifiku tad-DĠ TAXUD;
- Disinn, ippjanar, skjerament, operazzjonijiet, appoġġ tekniku u rtirar tal-HW, tal-OS u tal-COTS;
- Servizzi tan-Netwerk;
- Servizzi tal-HW, tal-OS u tal-COTS;
- Riżerva u Rkupru;
- Servizz ta' Ġestjoni ta' Kompitu;
- Produzzjoni u Manutenzjoni ta' Pjanijiet Relatati mal-Ġestjoni tal-Infrastruttura tal-ICT, jiġifieri Pjan tal-Infrastruttura tal-ICT, Pjan ta' Disponibbiltà, Pjan ta' Kapaċità, Pjan ta' Kontinwità;
- Studji tal-Fattibbiltà marbuta mal-Infrastruttura.

4.3.3.1. *Ġestjoni tad-Disponibbiltà*

Is-servizz ewlieni li l-Fornitur tas-Servizz għandu jipprovdi huwa li jiżgura li s-sistema NKK/ISK tkun qed topera fil-livell meħtieġ ta' disponibbiltà.

Il-Fornitur tas-Servizz jiżgura li s-siti kollha tal-NKK/ISK huma interkonnessi permezz ta' Netwerk fuq Żona Wiesgħa (WAN) li joffri r-reżistenza u l-kapaċità meħtieġa biex jiżgura l-funzjonament tajjeb ta' applikazzjonijiet kummerċjali kritiċi li jużaw l-infrastruttura u s-servizzi tal-NKK/ISK.

Is-servizz ta' ġestjoni tad-disponibbiltà jkopri l-punti li ġejjin:

- Aċċess globali fl-NAs kollha konnessi;
- Il-provvista tal-linja lokali (+ linja ta' riżerva) bejn il-punt ta' aċċess lokali tal WAN (PoP) u l-bini tal-Amministrazzjoni Nazzjonali;
- L-installazzjoni, il-konfigurazzjoni u l-manutenzjoni ta' Router fil-Binjiet tal-Klijent (CPR);
- L-installazzjoni u l-manutenzjoni tal-Apparati ta' Sigurtà (jiġifieri l-kaxxa ta' kriptaġġ-firewall SSG);
- Gateways tal-komunikazzjoni li jinsabu fuq id-DMZ, f'kull sit lokali (jiġifieri l-Gateways tal-NKK);
- Is-sistema ċentrali tal-NKK Mail III.

Il-Fornitur tas-Servizz jipprovdi wkoll informazzjoni statistika dwar id-disponibbiltà miġbura f'ċirkostanzi operattivi u servizz ta' monitaraġġ, kemm għat-traċċar tal-problemi b'mod proattiv kif ukoll għal finijiet ta' statistika.

4.3.3.2. *Ġestjoni tal-Kontinġenza*

Il-Fornitur tas-Servizz huwa responsabbli mill-komponenti NKK/ISK li jinsabu fl-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD f'kull sit tal-NKK/ISK.

Is-servizz ta' kontinġenza għandu l-għan li jirrestawra l-livelli ta' servizz maqbula f'perjodu ta' żmien miftiehem f'każ ta' disfunzjoni parzjali jew kompluta jew f'każ tad-distruzzjoni tas-sistema tal-NKK/ISK billi jipprovdi lill-Applikant għal Servizz b'għajnuna u elementi bħal:

- Riżerva ta' softwer tal-gateways tal-NKK (f'kull sit);
- Sit ċentrali ta' riżerva tal-NKK;
- Apparat ta' kriptaġġ li ma għadux jintuża;
- Kapaċitajiet li jinqalbu bejn gateways ta' produzzjoni u ta' riżerva;
- Partijiet żejda għal apparat ta' hardwer;
- Linji ta' aċċess tat-telekomunikazzjoni doppji lejn in-netwerk tal-NKK (f'kull sit);
- Assistenza fl-istallazzjoni u l-konfigurazzjoni ta' oġġetti NKK/ISK fl-Infrastruttura tal-NKK tad-DĠ TAXUD;
- Proċeduri ta' rkupru.

4.3.3.3. *Ġestjoni tad-Data tal-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni*

Dan is-servizz jikkonċerna l-ġestjoni tad-*data* tal-konfigurazzjoni, meħtieġa mill-applikazzjonijiet tal-NKK/ISK, mill-Fornitur tas-Servizz.

Din id-*data* tal-konfigurazzjoni hija maħżuna fid-Direttorju ċentrali tal-NKK/ISK. Il-ġestjoni tad-Direttorju ċentrali tal-NKK/ISK hija maqsuma bejn il-Fornitur tas-Servizz u l-Amministrazzjonijiet Nazzjonali. Kull Amministrazzjoni Nazzjonali hija responsabbli mill-ġestjoni tal-utenti lokali tagħha tal-NKK/ISK. Il-bqija huwa ġestit mill-Fornitur tas-Servizz.

Eżempji ta' konfigurazzjonijiet soġġetti għal Talba ta' Servizz tal-Amministrazzjoni huma:

- Definizzjoni ta' profil amministrattiv lokali;
- Reġistrazzjoni ta' servizz ta' applikazzjoni;
- Reġistrazzjoni ta' queue ta' applikazzjoni;
- Reġistrazzjoni ta' tip ta' messaġġ;
- Validazzjoni tad-*data* tal-konfigurazzjoni tal-applikazzjoni;
- Reġistrazzjoni tar-rwoli tal-amministrazzjoni;
- Ġestjoni tal-lista ta' kuntatti.

4.3.4. *Ġestjoni tas-sigurtà*

Dan is-servizz jikkonċerna l-ġestjoni tal-elementi ta' sigurtà, meħtieġa mill-ambjent tal-NKK/ISK, mill-Fornitur tas-Servizz.

Is-sigurtà hija ġestita wkoll fil-livell tat-tagħmir tas-server (OS) involut, it-tagħmir tan-netwerk u fil-livell operattiv.

- Skambji ta' informazzjoni fuq in-netwerk NKK/CSI huma protetti biex jiżguraw l-aħjar kunfidenzjalità u l-integrità tad-*data*.
- Is-servizzi ta' sigurtà jinkludu:

- Kriptaġġ u protezzjoni minn sit għall-ieħor kontra l-aċċess mhux mixtieq infurzat mill-apparat tal-firewall/kriptaġġ.
- Mekkaniżmi ta' kontroll tal-aċċess (awtentikazzjoni, awtorizzazzjoni, kontabilità) fil-livell tas-sit infurzati mill-Gateway tal-NKK u appoġġati minn għodod ta' amministrazzjoni lokali (ADM3G).
- Sigurtà fil-livell tas-sessjoni infurzat permezz ta' kriptaġġ fil-livell tal-messaġġ (CSI sigur), awtentifikazzjoni reċiproka u kriptaġġ SSL (HTTPS & NJCSI), POP-S u IMAP-S (trasferiment sigur tal-posta elettronika).
- Mekkaniżmu ta' difiża unifikat SIAP għall-aċċess tal-internet sigur għas-servizzi NKK.

4.3.5. Ġestjoni tad-dokumentazzjoni

Il-Fornitur tas-Servizz iżomm id-dokumentazzjoni teknika kollha NKK/ISK (jiġifieri dokument tekniku, gwidi tal-utenti, mistoqsijiet frekwenti, newsletters, avvenimenti li ġejjin, eċċ.) aġġornata, u jaġixxi bħala Ċentru ta' Dokumentazzjoni.

Dan jinkludi d-dokumentazzjoni relatata mal-infrastruttura tal-NKK/ISK: Oracle-Tuxedo, IBM-MQ, Gateways tal-NKK, NKK Mail III, softwer ISK, proċeduri, rapporti, storja tal-komunikazzjoni ma' sħab, eċċ.

Il-Fornitur tas-Servizz jimmaniġġa lista ta' dokumentazzjoni, relatata mal-NKK/ISK li tista' tiġi kkomunikata lill-Applikant għal Servizz. Dawn id-dokumenti huma disponibbli fiċ-CIRCABC, u l-Portal ITSM.

Il-Fornitur tas-Servizz jaġġorna awtomatikament il-lista bil-verżjoni li għadha kif ġiet approvata tad-dokumenti.

4.3.6. Rapportar u statistiki

Il-Fornitur tas-Servizz jipprovdi lill-Applikant għal Servizz il-faċilitajiet ta' rapportar li ġejjin permezz tal-Portal Web tal-NKK u tal-ITSM:

- Ċifri tad-disponibbiltà onlajn tal-Gateways tal-NKK u ta' NKK Mail III;
- Newsletters onlajn;
- Statistika dwar skambji fuq il-NKK/ISK.

Il-Fornitur tas-Servizz regolarment iżomm laqgħat tal-IT Tech & Infra, fejn jiġu ppreżentati r-rapporti u l-istatistika.

4.3.7. Taħriġ

Il-Fornitur tas-Servizz ifassal korsijiet u jwettaq taħriġ relatat mal-aspetti tekniċi tas-sistema tal-NKK/ISK. Il-korsijiet standard huma organizzati f'pakketti ta' taħriġ maqsumin f'moduli. Bħala regola ġenerali, kull sena jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ. Il-pakketti tat-taħriġ standard huma mqassma darbtejn fis-sena permezz tad-DĠ TAXUD u huma disponibbli onlajn fuq il-Portal tal-ITSM.

5. KEJL TAL-LIVELL TA' SERVIZZ

5.2. LIVELL TA' SERVIZZ

Il-Livell tas-Servizz huwa kejl tal-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-Fornitur tas-Servizz. Huwa kkalkulat permezz ta' Indikatur tal-Kwalità tas-Servizz jew SQI.

Huwa mistenni li l-Applikant għal Servizz jikkonforma mal-obbligi tiegħu (ara §) biex jilħaq il-Livell ta' Servizz miftiehem.0

5.2. **INDIKATURI TAL-KWALITÀ TAS-SERVIZZ APPLIKABBLI**

5.2.1. **Disponibbiltà tas-sit tal-NKK/ISK individwali**

Dan l-Indikatur tal-Kwalità jipprovdi l-inqas disponibbiltà mkejla ta' sit individwali matul il-"Perjodu Shih", jiġifieri 24*7, għal xahar partikolari. Il-limitu tal-FLS tal-NKK/ISK huwa definit kif ġej:

LIMITU	> = 97,0 % ta' disponibbiltà
---------------	------------------------------

5.2.2. **Indikatur tal-Kwalità tal-Perjodu ta' Servizz**

Il-"Perjodu ta' Servizz" tal-Fornitur tas-Servizz huwa l-ħin ta' kopertura tal-funzjoni tas-Servizz ta' Għajjuna. Is-servizz huwa żgurat mis-Servizz ta' Għajjuna tal-Fornitur tas-Servizz, 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa inkluż il-btajjel pubbliċi.

Skont il-Perjodu ta' Servizz tal-element ta' konfigurazzjoni, tittieħed azzjoni immedjata (24*7) jew jiġi skedat intervent għall-Perjodu ta' Servizz li jmiss. Talbiet permezz ta' ittri, fax, posta elettronika u b'mezzi elettroniċi (permezz tal-Portal ITSM) huma aċċettati f'kull mument. It-talbiet li jidhru huma rreġistrati bħala "Sejthiet ta' Servizz" fis-sistema ta' ġestjoni tas-Servizz ta' Għajjuna tal-Fornitur tas-Servizz.

Il-limitu tal-FLS huwa definit kif ġej:

LIMITU	Is-Servizz ta' Għajjuna ma jistax ma jintlaħaqx matul il-perjodu ta' servizz għal aktar minn darbtejn fix-xahar
---------------	---

5.2.3. **Indikatur tal-Kwalità tas-Servizz ta' Notifika**

Il-Fornitur tas-Servizz jipprovdi servizzi ta' notifiċi lill-Applikant għal Servizz.

Hemm żewġ tipi ta' notifiċi, Notifiċi Urġenti u Notifiċi Normali:

- NOTIFIKI URĠENTI (meta ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex tkun notifikata l-komunità tal-NKK/ISK mill-inqas sebat ijiem kalendarji bil-quddiem): in-notifiċi jinxterdu lill-udjenza kkonċernata sa mhux aktar tard minn sagħtejn wara li tkun waslet it-talba ta' notifiċa urġenti.
- NOTIFIKI NORMALI (jew interventi ppjanati): in-notifiċi jinxterdu lill-udjenza kkonċernata mill-inqas ġimgħa (sebat ijiem kalendarji) qabel l-interventi u tintbagħat tfakkira mill-inqas 24 siegħa qabel l-avvenimenti.

Dan l-indikatur ikejjel ir-rispett tal-iskadenza għat-tħabbir (permezz ta' volumi ta' posta) ta' nuqqas ta' disponibbiltà skedata.

5.2.4. **Indikatur tal-Kwalità tal-Ġestjoni tal-Kontinġenza**

Cold Standby (Proċedura ta' Bdil, Riżerva u Rkupru jew NKK permezz tal-Internet)

It-tip xieraq ta' bidla li trid titwettaq tiddependi minn analiżi fil-fond tas-sistema ta' amministrazzjoni nazzjonali speċifika u l-problema li tkun qed tiġi affaċċjata.

Id-dewmien massimu biex issir il-bidla minn kwalunkwe Gateway ta' Produzzjoni tal-amministrazzjoni nazzjonali għal soluzzjoni xierqa ta' Gateway ta' Riżerva NKK huwa definit kif ġej:

LIMITU	Massimu ta' ħames sigħat ta' xogħol wara li jsir il-ftehim mal-Applikant għal Servizz biex issir il-bidla
---------------	---

5.3.5. Indikatur tal-Kwalità tal-Ġestjoni ta' Data tal-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni;

Id-dewmien massimu biex tiġi implimentata Talba għall-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni permezz tal-ACT (Għodda tal-Konfigurazzjoni tal-Applikazzjoni) għal sit wieħed huwa definit kif ġej:

LIMITU	Ħamest ijiem ta' xogħol
---------------	-------------------------

5.3.6. Indikatur tal-Kwalità tad-Dewmien tal-Konferma tar-Riċevuta

Id-dewmien massimu bejn il-ħin tal-wasla ta' talba għand is-Servizz ta' Għajjuna u l-ħin li tintbagħat il-konferma tar-riċevuta (jiġifieri n-numru tas-Sejħa għal Servizz) lill-Applikant għal Servizz, huwa definit kif ġej:

LIMITU	30 minuta
---------------	-----------

Il-każijiet huma klassifikati skont il-**livelli ta' prijorità** tagħhom.

Il-prijorità ta' każ hija stabbilita permezz ta' numru bejn 1 u 4:

1	KRITIKA
2	GĦOLJA
3	MEDJA
4	BAXXA

5.3.7. Indikatur tal-Kwalità tad-Dewmien ta' Riżoluzzjoni

Id-dewmien tar-riżoluzzjoni huwa ż-żmien li għadda bejn il-mument meta l-każ kien rikonoxxut mill-Fornitur tas-Servizz u l-mument meta l-Fornitur tas-Servizz irranġa l-problema prinċipali tal-każ jew implimenta soluzzjoni.

Skont il-Prijorità, id-dewmien tar-riżoluzzjoni huwa definit kif ġej:

PRIJORITÀ	DEWMEN TA' RIŻOLUZZJONI
KRITIKA	Ħames sigħat xogħol
GĦOLJA	13-il siegħa xogħol
MEDJA	39 siegħa xogħol
BAXXA	65 siegħa xogħol

Tabella 8: Dewmien ta' Riżoluzzjoni

PRIJORITÀ	LIMITU
KRITIKA	> = 95.00 % tal-każijiet ta' prijorità KRITIKA għandhom jiġu solvuti fi żmien l-iskadenza ta' riżoluzzjoni maqbula (Ħames Sigħat Xogħol).
GĦOLJA	> = 95.00 % tal-każijiet ta' prijorità GĦOLJA għandhom jiġu solvuti fi żmien l-iskadenza ta' riżoluzzjoni maqbula (13-il Siegħa Xogħol).
MEDJA	> = 95.00 % tal-każijiet ta' prijorità MEDJA għandhom jiġu solvuti fi żmien l-iskadenza ta' riżoluzzjoni maqbula (39 Siegħa Xogħol).

Tabella 9: Limitu tar-Riżoluzzjoni ta' Dewmien tal-Każijiet

6. **APPROVAZZJONI TAL-FLS**

Il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz għandu jiġi approvat mill-Kumitat Konġunt sabiex ikun applikabbli.

7. **BIDLIET FL-FLS**

L-FLS tal-NKK/ISK jiġi eżminat mill-ġdid wara talba bil-miktub mill-Kummissjoni jew min-Norveġja lill-Kumitat Konġunt.

Sakemm il-Kumitat Konġunt jiddeċiedi dwar il-bidliet proposti, id-dispożizzjonijiet tal-FLS tal-NKK/ISK fis-seħħ huma applikabbli. Il-Kumitat Konġunt jaġixxi bħala l-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-FLS kurrenti tal-NKK/ISK.

8. **PUNTI TA' KUNTATT**

Għas-servizzi operattivi kollha, l-ITSM3 Operations għandha tagħxi bħala punt uniku ta' kuntatt. Il-koordinati tagħha huma pprovduti hawn taħt:

ITSM3 Operations - IBM

☎ bla ħlas: + 800 7777 4477

📞 Imħallas minn min iċċempel: + 40 214 058 422

✉ support@itsmtaxud.europa.eu

🌐 <http://portal.ccntc.cncsi.int:8080/portal>

(Portal Web NNK - għall-Utenti Registrati tal-NKK)

🌐 <https://itsmtaxud.europa.eu/smt/ess.do>

(Portal Web ITSM - għas-Sejħiet ta' Servizz)

Data

HEMŻA 6

Abbozz

**DEĊIŻJONI Nru 6/[data] tal-Kumitat Konġunt ta' [data]
li tadotta l-ammont u l-modalitajiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha ssir min-
Norveġja għall-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-kostijiet iġġenerati mill-
parteċipazzjoni tagħha fis-Sistemi ta' Informazzjoni Ewropej**

IL-KUMITAT KONĠUNT, stabbilit skont l-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim”,

Billi:

- (a) Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb it-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Fiscalis 2020), jistipula r-regoli għall-iżvilupp, l-operat u l-manutenzjoni tas-Sistemi tal-Infommazzjoni Ewropej.
- (b) In-Netwerk Komuni ta' Komunikazzjoni/l-Interfaċċa Komuni tas-Sistema u l-formoli elettroniċi li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 41(2)(d) tal-Ftehim huma komponenti tal-Unjoni tas-Sistemi ta' Informazzjoni Ewropej imsemmija fil-punt A tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1286/2013.
- (c) Skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2013, l-użu tal-komponenti tal-Unjoni tas-Sistemi ta' Informazzjoni Ewropej minn pajjiżi mhux parteċipanti għandu jkun soġġett għal ftehimiet ma' daww il-pajjiżi li għandhom jiġu konklużi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (d) Jeħtieġ li jiġu adottati arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 41(2)(f) tal-Ftehim;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kostijiet tal-installazzjoni

Il-kostijiet inizjali li għandhom jitħallsu mir-Renju tan-Norveġja għall-istabbiliment tal-aċċess għan-Netwerk Privat Virtwali huma ta' EUR 20 000.

L-ammont għandu jitħallas fi żmien 60 jum wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali li r-Renju tan-Norveġja għandu jħallas lill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni għandha tkun ta' EUR 20 000. L-ammont għandu jitħallas kull sena sal-1 ta' Settembru.

Il-kontribuzzjoni għandha tkopri n-nefqa relatata mal-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-titjib ta' soluzzjonijiet tal-IT (Netwerk Komuni ta' Komunikazzjoni/Interfaċċa Komuni tas-Sistema Komuni, Formoli elettroniċi).

Artikolu 3

Il-metodu tal-pagament

Il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikoli 1 u 2 għandhom jitħallsu feuro lill-kont bankarju denominat feuro tal-Kummissjoni li se jkun indikat fin-nota ta' debitu.

Data